Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città' Beland
Frott iż-Żebbuġ Isml

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Seduta | | | | 01/16. | tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | | |
| Data | | | | 20/01/16 fis-6.10pm | | | |
| Post | | | | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | | |
| Attendenza | | | | | Sindku Joe Attard | Preżenti | |
| | | | | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti fi 6.45pm | |
| | | | | | Amanda Abela | Preżenti fi 6.25pm | |
| | | | | | Joan Agius | Preżenti | |
| | | | | | Claude Camilleri | Skużat | |
| | | | | | Raymond Caruana | Preżenti fi 6.15pm | |
| | | | | | Sean Chircop | Preżenti | |
| | | | | | Stephania Fenech | Preżenti | |
| | | | | | Joseph Hales | Preżenti | |
| | | | | | | | |
| Preżenti wkoll | | | | | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | | |
| | | | | | Assistent Prinċipal Joanne Muscat | | |
| | | | | | Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ Laura Caruana - Preżenti fi 6.45pm | | |
| | | | | | | | |
| 01. | 1. | | | | **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 1. | 1 | | | Proponent: Joe Hales<br>Sekondant: Sean Chircop | Il-Minuti 13/15 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korezzjonijiet kif ġej | |
| | | | | 13.9.3 | Tinqara kif ġej:- Waqt il-Kunċert b'rikkonoxximent ser issir ġabra għall-parroċċa. | | |
| 01. | 1. | 2 | | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| | | | | | | | |
| 01. | 2. | | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 2 | 1 | | 13.2.1 | Caruana - Belishia Lights fi Vjal 25 ta' Nov | Caruana ġibed l-attenzzjoni li dawn għadhom mhux qed jixgħelu. Is-Segretarju informa lil Kunsill li bagħtulna biex nimlew il formola meħtieġa biex dawn jiġu *connected* u qed jieħu ħsieb in-Nexos. | Segretarju |
| 01 | 2 | 2 | | 13.2.2 | Caruana - Bankina fi Triq l-Isqof Emm Galea | Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill fuq biċċa bankina miksura fi Triq l-Isqof Emm Galea li għada ma saritx. Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm xi prijoritajiet li iridu isiru qabel din il-bankina, fosthom Triq il-Madonna tal-Ħniena u Triq tar-Ramla. | Sindku |
| 01 | 2 | 3 | | 13.9.8 | Caruana - Triq il-Kastellan | Caruana reġa fakar il-Kunsill fuq ir-refreshing ta' parking bays li diġa hemm fi Triq il-Kastellan. Il-Kunsill qabel nem.con li dawn għandhom isiru. | Hales |
| 01 | 2 | 4 | | 13.9.10 | Caruana - Zebra Crossing | Caruana saqsa f'hiex waslet l-applikazzjonigħal Zebra Crossing ta' ħdejn l iskola sekondarja. Is-Segretarju wieġeb li qed nistennew il-permess mit-TM. | Hales |
| 01 | 2 | 5 | | 13.9.12 | Caruana - Bollard fuq il-bankina fi Triq Luqa Briffa | Il-Kunsillier Caruana fakkar lil Kunsill biex issir bankina ħdejn il-Pet Shop fi Triq Luqa Briffa. Is-Sindku wieġeb li bankina diffiċli ssir iżda ser jara kif nistgħu nsolvu din il-problema. | Sindku |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 6 | | 13.9.23 | Agius - Child Day Care Centre | Il-Kunsilliera Agius ippreżentat ċekk ta' €13,000 lil Kunsill bħala ir-raba' pagament. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra ta' ringrazzament lil Fondazzjoni u lil Carers. Agius infurmat lil Kunsill li issa daħlet is-sistema tal-FOB Breakers li b'din is-sistema d-Dipartiment ikun jaf mill-ewwel meta daħlu u ħarġu t-tfal. | Agius |
| 01 | 2 | 7 | | 13.9.17 | Agius - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li d-Dinner Dance ma sarx, iżda l-weekend break ta' Diċembru u l-ħarġa li kellna għal Għawdex it-tnejn kienu suċċess. | Agius |
| 01 | 2 | 8 | | 13.9.20 | Agius - Triq id-Duluri | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li fi Triq id-Duluri is-sitwazzjoni għada l-istess. Is-Segretarju informa lil Kunsill li rigward dan il-każ inkitbu diversi ittri lil Post Master. Hawn hekk il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li jista ikellem lil Post Master forsi jibdew iġibu trakkijiet izgħar li jidħlu fil-garaxx. Is-Sindku talab lil Caruana biex jiġbed l-attenzzjoni ukoll biex forsi isir manutenzzjoni fuq il-faċċata tal-posta il-qadima. | Segretarju / Caruana |
| 01 | 2 | 9 | | 13.9.21 | Agius - Bankina f'Tal-Ħniena | Il-Kunsilliera Agius talbet f'hiex wasal ix-xogħol fuq il-bankina fi Triq il-Madonna tal-Ħniena. Is-Sindku wieġeb li din daħlet fil-lista tax-xogħlijiet. | Sindku |
| 01 | 2 | 10 | | 13.9.15 | Agius - Kids Club | Il-Kunsilliera Agius infurmat il-Kunsill li r-riżultat ta' din l-iskema tal-Waste Reduction li t-tfal daħlu għalija billi għamlu rigali tal-Milied minn affarijiet reċiklabbli ser jitħabbar f'Mejju. | Agius |
| 01 | 2 | 11 | | 13.9.16 | Agius - Pantomina tal-Milied | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li l-Pantomina tal-Milied kienet suċċess u li minn din l-attivita inġabru €210 li ngħataw lis-sorijiet ta' Sagra Familja. | Agius |
| 01 | 2 | 12 | | 13.2.5 | Chircop - Premju Frans Sammut | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li f'dan il-konkors il-Kunsill Lokali taż - ż ġie it-tilet bi premju ta' €500. | Hales |
| 01 | 2 | 13 | | 13.2.8 | Chircop - Bolla Kommemorattiva | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li din il-bolla kienet suċċess kbir u li sa issa ħarġu mal-1300 bolla u hemm 600 oħra ordnati. | Chircop |
| 01 | 2 | 14 | | 13.2.10 | Chircop - Bandist tas-Sena | Il-Kunsillier Chircop qal li għal din is-sena ir-rebbieħa ta' Trofew Carlo Diacono kienu Edwin Montebello min-naħa tal-Beland Band Club u Juan Spiteri min-naħa taż Żejtun Band Club. | Chircop |
| 01 | 2 | 15 | | 13.9.3 | Chircop - Attivitajiet | Il-Kunsillier Chircop qal li l-Hike li kellu jsir fi 23 ta' Diċembru sar u kien suċċess u l-istess il-Kunċert tal-Milied li l-attendenza għalih kienet waħda rekord. | Chircop |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 16 | | 13.9.4 / 13.9.5 | Chircop - Ġieħ iż-Żejtun u l-Konkors Letterarju | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li s-sotto missjonijiet għall-Ġieħ iż-żejtun u għal Konkors Letterarju huma miftuħa. | Chircop |
| 01 | 2 | 17 | | 13.2.4 | Hales - Inkonvenjent fi Triq id-Duluri | Ġie infurmat l-uffiċċju tal-LESA | Hales |
| 01 | 2 | 18 | | 13.2.13 | Hales - Litter Bins fi Ġnien Brejġu | Lesti u twaħħlu tlieta | Hales |
| 01 | 2 | 19 | | 13.3.3 | Hales - Tibdil fir-rotot tal-linja u frekwenżi | Filwaqt li r-rotot daħlu fis-seħħ kif ippjanat u huma aħjar milli qatt kienu, ma jistax jingħad li stess dwar li skeda tal-ħinijiet. Dwar dan ingibdet l-attenzzjoni ta' kull min hu konċernat. | Hales |
| 01 | 2 | 20 | | 13.3.4 | Parkeġġ fi Triq l-Isqof Zahra | Ġiet miġbuda l-attenzjoni ta' Trasport Malta iżda bqajna bla tweġiba. Is-sistema proposta ġiet applikata. | Hales |
| 01 | 2 | 21 | | 13.8.1 | Notice Boards | Wieħed hu lest u sa jitwaħħal fuq il-bus stop 'Ħuxlief' li jinsab fi Triq il-Qadi k/m Triq id-Daħla ta' San Tumas | Hales |
| 01 | 2 | 22 | | 13.8.2 | Reserved Parking - Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill | Mhux approvata minħabba li daqt se jiġi mħabbar pjan nazzjonali dwar il-parkeġġi. | Hales |
| 01 | 2 | 23 | | 13.9.13 | Traffic Management fit-triq li jmissu ma' Triq il-Labour | Wara qbil mar-residenti dwar il-bdil propost, saret talba lil TM li approvat it-tibdil propost. Is-sistema ġiet attivita. Fenech proponiet li isir mera ħdejn in-Nakis, kif ukoll biex fi Triq it-Tamburin isiru l-parking bays. Din l-aħħar proposta ser tiġi kkunsidrata. Fenech talbet ukoll jekk jistax isir xi tip ta' bankina fi Triq it Tamburin ma' naħa tar-razzett. Saqsiet ukoll f'hiex waslet it-talba għal Zebra Crossing fi Triq il-Labour. Is-Segretarjat wieġeb li din qegħda f'idejn it-TM. | Hales |
| 01 | 2 | 24 | | 13.9.14 | Bins fil-pjazza | Ġiet mibgħuta reminder lid-Direttorat tal-Indafa Pubblika. | Hales |
| **01** | 3 | | | | **Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML07/15. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 3 | 1 | | 01 | MEPA - Enforcement fi Triq il-Faqqus | Fuq dan il-każ qamet diskussjoni fuq l-istat li tinsab fiha Triq il-Faqqus, fejn din peress li qatt ma saret, l-ewwel darba trid isir mill-Gvern. Sar qbil li s-Segretarju jitkeb lil Ministeru kkoncernat. | Segertarju |
| 01 | 3 | 2 | | 02 | DLG - Ftehim mal-iskemi dwar ġbir ta' skart separat | Ser jintalbu proposti u offerti mingħand iż-żewġ skemi ta' skart riċiklabbli l-Green MT u l-GreenPak. | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 3 | | 03 | DLG - Kuntratti dwar Latrini Pubbliċi | Il-Kunsill ġie infurmat il-kuntratt tal-latrini pubbliċi fi ħdan il-Kunsill ser jagħlaq fl-aħħar ta' din is-sena. | Hales |
| 01 | 3 | 4 | | 04 | DLG - Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) | Il-Kunsill għamilha ċara li ma saret l-ebda donazzjoni u li b'dan għandu jiġi nfurmat id-Direttur Generali tal-NAO. | Segretarju |
| 01 | 3 | 5 | | 06 | DLG - Għeluq tas-sena Finanzjarja | Is-Segretarju informa lil Kunsill li r-rapporti għandhom jaslu għand id-Dipartiment sa 19 ta' Frar 2016 | Segretarju |
| 01 | 3 | 6 | | 07 | DLG - WIFI Access points | Is-Segretarju informa lil Kunsill li ntbagħtu lil DLG dawn access points li huma fi Ġnien iż-Żgħożija, Pjazza San Girgor, Misraħ ir-Repubblika, Ġnien il-Qawsalla u Ġnien iċ-Ċrieki. | Segretarju |
| 01 | 3 | 7 | | 12 | Peter Paul Vella - Reimbors ta' ħsara li ġarab fil-karozza | Il-Kunsill qabel nem.con li is-Sur Vella għandu jitħallas tal-ħsara li ġarab. | Segretarju |
| 01 | 3 | 8 | | 14 | AKL - Group Health Insurance Policy | Il-Kunsill qabel nem.con li il-Group Health Insurance Policy għanda terġa tiġedded. | Segretarju |
| 01 | 3 | 9 | | 17 | Joan Mangion - Ħaddiema IPSL | Il-Kunsill qabel nem.con biex isir talba lir-Reġjun Xlokk biex jiġu ħaddiema tal-IPSL jaħdmu fiż-Żejtun. | Segretarju |
| 01 | 3 | 10 | | 18 | Sandro Zahra - Parking slots | Wara li s-Sindku qara l-korrispondenza mingħand is-Sur Zahra rigward parking slots fi Triq Dun Gwann Tabone, Triq Anglu Grima u Triq Luqa Briffa, il-Kunsill qabel li ser jiġu kkunsidrati. | Hales |
| 01 | 3 | 11 | | 19 | Electoral Office - Prolungament ta' Triq ir-Ramla | Il-Kunsill qabel nem.con li ser isiru signs iktar ċari fejn hemm it-tlett iħwienet. | Hales |
| 01 | 3 | 12 | | 22 | AKL - European Youth Event 2016 | Wara li s-Sindku qara din il-korrispondenza. Il-Kunsill qabel nem.con li ser jieħu ħsieba il-Kunsillier Chircop. | Chircop |
| **01.** | **4.** | | | | **Ħlasijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 4 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/16 | **Il-Kunsill qabel li ma jsirx il-ħlas nru:75 fuq l-iskeda tal-ħlasijiet sakemm ma jiġi klirjat u approvat mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarju |
| 01 | 4 | 2 | | | Petty Cash | **Il-Kunsill approva nem.con il-Petty Cash li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €104.88.** | Segretarju |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 4 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/16 | Il-Kunsill approva nem.con il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju |
| 01 | 5 | | | | **Performance bonus tal-Impjegati** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 5 | 1 | | | Performance bonus tal-Impjegati | Il-Kunsill qabel nem.con li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu il-perfomance bonus bil massimu ta' percentaggi hekk kif stipulat mil-ligi. | Segretarju |
| | | | | | Teleworking | Is-Sindku staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk is-Sja Schembri hux ser tirritorna lura ghax xoghol bil-privilegg tat-telework. Is-segretarju wiegeb li ma kien hemm l-ebda qbil differenti dwar dan. Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera, gie deciz li dan il-privilegg m'ghandux ikun bla tmiem u li ghaldaqstant l-Kunsill ghandu jiddetermina terminu ta kemm zmien impjegat/a ghandhom idumu bit telework. Il-kunsill qabel nem.con. Is-Sindku nformal l-Kunsill li ser jitkellem ma l-impjegati koncernati u ser jirraporta fil-laqgha li jmiss. | Sindku |
| 01 | 6 | | | | **Triq Alfredo Cachia Zammit l-aħħar żviluppi** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 6 | 1 | | | Triq Alfredo Cachia Zammit - Drainage u water mains | Is-Sindku spjega kif l-offerta għal kuntratti ser tintbagħat li Sur Camilleri uffiċċjal inkarigat, li qal li Riolo tal-WSC sa 22 ta' Jannar ser tkun għand id-Dipartiment tal-Kuntratti biex tiġi ppublikata sa nofs Frar. | Sindku |
| 01 | 7 | | | | **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 7 | 1 | | | Hales - Locality Signs | Is-Sindku qara il-mozzjoni tal-Kunsillier Hales fejn talab sabiex il-locality signs jinbidlu. Il-Kunsill qabel nem.con li dawn isiru ftit ftit. | Hales |
| 01 | 7 | 2 | | | Fenech - Tapit artifiċjali ġdid fi Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku qara mozzjoni tal-Kunsilliera Fenech fejn talbet sabiex jiġi installat tapit artifiċjali ġdid fi Ġnien iż-Żgħożija għax li hemm mhux vijabbli li jsir manutenzzjoni fuqu iktar. Il-Kunsill qabel nem.con li jinġabru l-quotations. | Fenech |
| 01 | 8 | | | | **Affarijiet oħra jekk meqjusa urġenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 8 | 1 | | | Fenech - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Fenech infurmat lil Kunsill li ser isiru dawn l-attivitajiet il-Fiera tal-isport bejn id-19 u l-20 ta' Marzu fi skatepark u ser jitbajjad l-ħajt. | Fenech |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 8 | 2 | | | Chircop - Problema tal-ilma fi Triq Ħal Bajda | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li fi Triq Ħal Bajda, hemm problema tal-ilma. Is-Sindku informa lil Kunsill li x-xogħol diġa sar. | Sindku |
| 01 | 8 | 3 | | | Chircop - ZOE Live in | Il-Kunsillier Chircop informa lil Kunsill li l-grupp ZOE ser jorganizza LIVE IN għal karnival. | Chircop |
| 01 | 8 | 4 | | | Caruana - Misraħ Wistin Abela | Il-Kunsillier Caruana ppropona sabiex isir tibdil minn fejn tidħol u minn fejn toħrog fi Misraħ Wistin Abela, wara l-Knisja. Is-Sindku wieġeb li dan kien proġett tal-ewwel Kunsill u barra li hemm stop signs mal-ħajt u mal-art, hemm ukoll mera biex tigħnek toħroġ. Caruana sqasa jekk il-parking jistax isir fish parking. Il-Kunsill ma qabilx għax hekk jintilef il-parking. | Sindku |
| 01 | 8 | 5 | | | Caruana - Triq Sta Katarina | Il-Kunsillier Caruana qal li meta saret Triq Sta Katarina, ir-road humps ma sarux kollha. Is-Sindku informa lil Kunsill li hemm l-aħħar waħda t'isfel li ser isir ukoll. | Sindku |
| 01 | 8 | 6 | | | Caruana - Mera fi Triq Toni Zahra k/m Triq Hector Dalli | Il-Kunsillier Caruana talab lil Kunsill sabiex isir mera fi Triq Toni Zahra k/m Triq Hector Dalli. Il-Kunsill qabel li naraw x'inhu il-każ. | Hales |
| 01 | 8 | 7 | | | Caruana - Bżonn ta' mera fi Triq taċ-Ċawsli | Il-Kunsillier Caruana talab biex isir mera fi Triq taċ-Ċawsli. Il-Kunsill qabel li naraw x'inhu il-każ. | Hales |
| 01 | 8 | 8 | | | Caruana - Bozza ġdida fi Sqaq ta' Vjola | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isir bozza ġdida fi Sqaq ta' Vjola. Il-Kunsill qabel li naraw dan il-każ mal-ħaddiem Angelo Caruana meta jidħol lura ix-xogħol, biex naraw jekk hemmx applikazzjoni. | Hales |
| 01 | 8 | 9 | | | Caruana - Bankina ħdejn il-White Cherry | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex tissewwa il-bankina li hemm miksura quddiem il-White Cherry fi Triq il-Qadi. Il-Kunsill qabel nem.con li din tidħol mal-lista tax-xogħolijiet. | Sindku |
| 01 | 8 | 10 | | | Caruana - Rampa miksura | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex tissewwa ir-rampa li hemm fi tarf tal-bankina ħdejn Vandan Confectionery. Il-Kunsill qabel nem.con li din tidħol mal-lista tax-xogħolijiet. | Sindku |
| 01 | 8 | 11 | | | Chircop - Mera fi Triq Wied il-Għajn | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsill li kellha titwaħħal mera fi Triq Wied il-Għajn ħdejn ir-razzett li għalkemm kien hemm l-approval ta' TM xorta ma saritx. | Hales |
| 01 | 8 | 12 | | | Agius - Tqassim tal-boroz | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li bħal issa qed jerġa isir it-taqssim tal-boroż il-ħodor f'kull dar fiż-Żejtun. | Agius |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 8 | 13 | | | Agius - Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lil Kunsill li għal Jum il-Kunsill fi 19 ta' Marzu ser isir Treasure Hunt, fi 30 ta' Jannar ser isir ħarġa għal film, fi 8 ta' Frar ser isir il-party tal-karnival ta' tfal u kif ukoll hemm il-ħsieb li imorru għal karnival ta' Għawdex, fi 12, 13 u 14 ta' Frar ser isir weekend break ta' San Valentinu u fi 8 ta' Marzu ser isir ħarġa għal Jum il-Mara. | Agius |
| 01 | 8 | 14 | | | Viċi Sindku - Kanal tal-ilma fi Triq Santu Wisitn | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzzjoni tal-Kunsill li hemm bżonn li jitranġa l-kanal tal-ilma li jinsab quddiem Dar Nazareth u Dar Jean Vanier fi Triq Santu Wistin. Il-Kunsill qabel nem.com li dan għandu jitranġa | Sindku |
| 01 | 8 | 15 | | | Viċi Sindku - Jiżdied id-dawl fi Triq Ferdinand Mattei | Il-Viċi Sindku talbet lil Kunsill sabiex jiżdied id-dawl fi Triq Ferdinand Mattei, Ġebel San Martin quddiem il-garaxxijiet. Il-Kunsill ser jikkonsidra din it-talba. | Sindku |
| 01 | 8 | 16 | | | Viċi Sindku - Parking Bays wara Blk C, f'Ta' Ganza | Il-Viċi Sindku talbet sabiex isiru Parking Bays wara Blk C, f'Ta' Ganza. Il-Kunsill qabel li dawn ma jistagħux isiru għax hemm hekk kollu żrar. | Hales |
| 01 | 8 | 17 | | | Viċi Sindku - Sleeping Police man fi Triq Felice Abela | Il-Viċi Sindku talbet sabiex isiru sleeping Policeman fi Triq Felice Abela għax saret perikoluża. Il-Kunsill ser jikkunsidra li jsir xi ħaġa oħra flok l-isleeping policeman | Sindku |
| 01 | 8 | 18 | | | Sindku - Anniversarju mill-ewwel ktieb ta' Trevor Zahra | Is-Sindku informa lil Kunsill li l-Ġimgħa 19 ta' Frar għal xi 10.00am fl-iskola primarja ser jiġi ċċelebrat l-anniversarju mill-ewwel ktieb ta' Trevor Zahra. Il-Kunsilliera kollha mistiedna jattendu. Għal dan il-għan il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-Merlin Library ser jinxtraw 2 kopji tal-kotba ta' Trevor Zahra għal l-iskola, biex jitpoġġew fil-librerija pubblika. | Camilleri |
| 01 | 8 | 19 | | | Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ Laura Caruana - Serviżż ta' Trasport Pubbliku | Ambaxxatriċi ta' Żgħażagħ Laura Caruana ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill fuq id-diversi problemi li żgħażagħ qed ikollhom minnħabba t-trasport pubbliku, fosthom il-ħinijiet fuq l-istages biex isiru ġodda u bi rotot 206 / 210. Il-Kunsillier Hales informa lil Kunsill li diġa tkellima mat-TM rigward dan id-dewmin. | Hales |
| 01 | 8 | 20 | | | Segretarju - Rapport Annwali | Is-Segretarju ġibed l-attenzzjoni tal-Kunsilliera kollha sabiex jippreżentaw ir-Rapport Annwali tagħhom. | Kunsilliera |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar l-Erbgħa 17 ta' Frar, 2016 fis-Sala Mikiel Cachia fl-ufficcji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Joe Attard | | Anton Falzon | |
| Sindku | | Segretarju Eżekuttiv | |